



Kunsill Ewropew

Brussell, 20 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)

EUCO 9/19

CO EUR 12  
CONCL 5

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 ta' Ġunju 2019) – Konklużjonijiet

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

---

## **I. IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS**

1. Il-Kunsill Ewropew adotta Aġenda Strateġika ġdida 2019-2024 għall-Unjoni. Huwa ser jiddiskuti s-segwitu għall-Aġenda Strateġika f'Ottubru 2019.

## **II. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI**

2. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-ħidma li saret taħt il-Presidenza Rumena u ħa nota tad-diversi elementi tal-pakkett tal-QFP. Huwa appella lill-Presidenza Finlandiża biex tkompli l-ħidma u biex tiżviluppa l-Kaxxa ta' Negożjar. Fuq dik il-bażi, il-Kunsill Ewropew ser ikollu skambju ta' fehmiet f'Ottubru 2019, bil-għan ta' qbil qabel tmiem is-sena.

## **III. TIBDIL FIL-KLIMA**

3. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tas-Summit dwar l-Azzjoni Klimatika tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru biex tiġi intensifikata l-azzjoni klimatika globali biex jinkiseb l-oġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż billi jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Huwa jilqa' l-involvement attiv tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni fit-tnejn.
4. B'segwitu għad-diskussjonijiet settorjali li saru fix-xhur reċenti, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma fuq il-kondizzjonijiet, l-inċentivi u l-qafas ta' abilitazzjoni li għandhom jiġu attwati, sabiex tkun żgurata transizzjoni għal UE b'impatt newtrali fuq il-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi<sup>1</sup> li tippreserva l-kompetittività Ewropea, tkun ġusta u bbilanċjata soċjalment, tiegħu kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri u tirrispetta d-dritt tagħhom li jiddeċiedu fuq it-taħlita tal-enerġija tagħhom stess, filwaqt li titkompla l-ħidma fuq il-miżuri diġà maqbula biex tinkiseb il-mira ta' tnaqqis tal-2030. Il-Kunsill Ewropew ser jiffinalizza l-gwida tiegħu qabel tmiem is-sena bil-għan tal-adozzjoni u l-preżentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-UE lill-UNFCCC kmieni fl-2020. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jintensifika l-attivitajiet tiegħu b'appoġġ għal azzjoni klimatika.

---

<sup>1</sup> Għall-maġġoranza kbira tal-Istati Membri n-newtralità klimatika trid tinkiseb sal-2050.

5. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati biex iżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima minn firxa wiesgħa ta' sorsi privati u pubbliċi u biex jaħdmu għal proċess ta' rikostituzzjoni tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima li jkun f'waqtu, ġestit tajjeb u ta' suċċess.

#### **IV. DIŻINFORMAZZJONI U THEDDID IBRIDU**

6. B'segwitu għar-rapport tal-Presidenza u l-kontributi mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar it-tagħlimiet meħuda fir-rigward tad-diżinformazzjoni u l-iżgurar ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, il-Kunsill Ewropew jappella għal sforzi sostnuti biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni, jiżdied l-istat ta' tħejjija u tissaħħaħ ir-reżiljenza tad-demokraziji tagħna fil-konfront tad-diżinformazzjoni. Huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq evalwazzjoni fil-fond tal-implimentazzjoni tal-impenji meħuda minn pjattaformi online u minn firmatarji oħra taħt il-Kodiċi ta' Prattika. In-natura evoluttiva tat-theddud u r-riskju li qed jikber ta' interferenza malizzjuża u l-manipulazzjoni online assoċjata mal-iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali u t-tekniki tal-ġbir ta' data jeħtieġu valutazzjoni kontinwa u rispons xieraq.
7. L-UE jkollha tiżgura reazzjoni kkoordinata għat-theddud ibridu u dak ċibernetiku u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-atturi internazzjonali rilevanti. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni ta' qafas ġdid għal miżuri restrittivi mmirati, u l-ħidma fuq attribuzzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE fil-kuntest tas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija biex jiskoraġġixxu u jirrispondu aħjar għall-attakki ċibernetiċi u jkun hemm reazzjoni aħjar għalihom. Huwa jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, flimkien mal-Istati Membri, biex jaħdmu fuq miżuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u tittejjeb il-kultura tas-sigurtà tal-UE kontra t-theddud ibridu u dak ċibernetiku minn barra l-UE, u biex in-netwerks tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-UE u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha jiġu protetti aħjar mill-attivitajiet malizzjużi ta' kull tip.

**V. RELAZZJONIJIET ESTERNI**

8. Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tas-Sħubija tal-Lvant, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza ta' din is-sħubija strateġika u jistieden lill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli biex jevalwaw strumenti u miżuri eżistenti u, abbażi ta' konsultazzjonijiet xierqa, jippreżentaw sett ulterjuri ta' objettivi ta' politika fit-tul sal-bidu tal-2020 bil-ħsieb tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-trasferiment paċifiku tal-poter fir-Repubblika tal-Moldova u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli biex jaħdmu fuq sett ta' miżuri konkreti li jappoġġaw lir-Repubblika tal-Moldova, abbażi tal-implimentazzjoni sostnuta tagħha tar-riformi skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni / DCFTA.
10. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza kruċjali tas-sħubija strateġika tal-UE mal-Afrika. Aħna impenjati niżviluppawha aktar b'ambizzjoni kondiviża biex naffrontaw flimkien l-isfidi komuni u globali.
11. L-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità tal-pajjiżi tax-xatt tan-Nofsinhar tal-Mediterran huma ta' importanza kruċjali għall-UE. F'dan il-kuntest, il-paċi u l-istabbiltà fit-tul fil-Libja huma prijorità komuni. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-proċess immexxi min-NU għall-waqfien tal-ostilitajiet u għal soluzzjoni politika inklużiva.
12. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-impetu mġedded fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Marokk u jistenna b'interess il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk li jmiss.
13. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lir-Russja biex teħles mingħajr kondizzjonijiet lill-baħħara Ukreni maqbudin, tirritorna l-bastimenti maħtufa u tiżgura l-passaġġ ħieles tal-vapuri kollha mill-Istrett ta' Kerch f'konformità mad-dritt internazzjonali.
14. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-ħassib kbir tiegħu dwar id-digriet presidenzjali Russu tal-24 ta' April li jippermetti l-ħruġ issimplifikat ta' passaporti f'ċerti żoni tar-reġjuni Ukreni ta' Donetsk u Luhansk, li jmur kontra l-ispiritu u l-objettivi tal-ftehimiet ta' Minsk.

15. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jissorvelja s-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Ukrajna u jinsab lest li jqis opzjonijiet ulterjuri, inkluż in-nonrikonoxximent tal-passaporti Russi maħruġin bi vjolazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali tiegħu. Il-Kunsill Ewropew jappella biex jerġgħu jibdew b'mod urġenti l-isforzi ta' negozjar bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk u għal miżuri mmirati lejn il-bini mill-ġdid tal-fiduċja bejn il-partijiet.
16. Is-17 ta' Lulju ser jaħbat il-ħames anniversarju mit-twaqqiġ tat-titjira MH17, li ħalla 298 ruħ mejta. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-isforzi kollha biex jiġu stabbiliti l-verità, il-ġustizzja u r-responsabbiltà għall-vittmi u l-qraba tagħhom, f'konformità mar-Risoluzzjoni 2166 tal-KSNU. F'dan il-kuntest, huwa jilqa' l-aħbar tad-19 ta' Ġunju 2019 mill-Iskwadra ta' Investigazzjoni Konġunta li fin-Netherlands ser jitressqu akkużi kriminali kontra erba' individwi, jappella lir-Russja biex tikkoopera bis-sħiħ mal-investigazzjonijiet li għaddejjin, u jesprimi l-fiduċja sħiħa tiegħu fl-indipendenza u l-professjonaliżmu tal-proċeduri legali li ġejjin.
17. Il-Kunsill Ewropew ifakkar u jafferma mill-ġdid konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, inkluż il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2018 li jikkundannaw bil-qawwa t-tkomplija tal-azzjonijiet illegali tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u fil-Baħar Eġew. Il-Kunsill Ewropew jesprimi tħassib serju dwar l-attivitajiet ta' tħaffir illegali attwali tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u jiddeplora l-fatt li t-Turkija għadha ma wegħbitx għas-sejħiet ripetuti tal-UE biex twaqqaf dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-impatt negattiv immedjat serju ta' dawk l-azzjonijiet illegali fuq il-firxa sħiħa tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija. Il-Kunsill Ewropew jappella lit-Turkija biex turi rażan, tirrispetta d-drittijiet sovrani ta' Ċipru, u toqgħod lura minn kwalunkwe tali azzjoni. Il-Kunsill Ewropew japprova l-istedina lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex iressqu opzjonijiet għal miżuri xierqa mingħajr dewmien, inkluż miżuri mmirati. L-UE ser tkompli timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi u tinsab lesta biex tirrispondi b'mod adatt u f'solidarjetà sħiħa ma' Ċipru. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni u jerġa' jirreferi għaliha skont il-ħtieġa.

**VI. PUNTI OĦRA**

18. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni kif adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2019.
  19. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kunsill Ewropew ser ikollu diskussjoni abbażi ta' rapport orizzontali dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi.
-

**AĠENDA STRATEĠIKA ĠDIDA 2019 - 2024**

Dawn l-aħħar snin, id-dinja saret dejjem aktar instabbli, kumplessa u soġġetta għal tibdil mgħaġġel. Dan joħloq kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi ġodda. Matul il-ħames snin li ġejjin, l-UE tista' u ser issaħħaħ ir-rwol tagħha f'dan l-ambjent li qed jinbidel. Flimkien, ser inkunu determinati u ffukati, billi nibnu fuq il-valuri tagħna u fuq il-punti pożittivi tal-mudell tagħna. Dan huwa l-uniku mod effettiv kif tissawwar id-dinja futura, jiġu promossi l-interessi taċ-ċittadini, tan-negozji u s-soċjetajiet tagħna, u jitħares l-istil tal-ħajja tagħna.

Din l-Aġenda Strateġika tagħti qafas u direzzjoni ġenerali għal dak ir-rispons. Hija maħsuba biex tiggwida l-ħidma tal-Istituzzjonijiet għall-ħames snin li ġejjin. Hija tiffoka fuq erba' priyoritajiet ewlenin:

- il-ħarsien taċ-ċittadini u tal-libertajiet
- l-iżvilupp ta' bażi ekonomika soda u vibranti
- il-bini ta' Ewropa b'effett newtrali fuq il-klima, ekoloġika, ġusta u soċjali
- il-promozzjoni tal-interessi u l-valuri Ewropej fix-xena globali.

Fl-aħħar nett, tistipula wkoll kif ser jitwettqu dawk il-priyoritajiet.

\*\*\*\*\*

**Il-ħarsien taċ-ċittadini u tal-libertajiet**

L-Ewropa trid tkun post fejn in-nies iħossuhom liberi u sikuri. L-UE għandha tiddefendi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha, kif rikonoxxuti fit-Trattati, u tipproteġihom minn theddid eżistenti u emerġenti.

Il-valuri komuni li jirfdu l-mudelli demokratiċi u tas-soċjetà tagħna huma l-pedament tal-libertà, is-sigurtà u l-prosperità Ewropej. L-istat tad-dritt, bir-rwol kruċjali li jaqdi fid-demokraziji kollha tagħna, huwa garanti ewleni li dawn il-valuri jitħarsu sew; dan irid jiġi rrispettat b'mod sħiħ mill-Istati Membri kollha u l-UE.

Jenħtieġ li niżguraw l-integrità tat-territorju tagħna. Jenħtieġ inkunu nafu u nkunu daww li jiddeċiedu min jidħol fl-UE. Il-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni huwa prerekwiżit assolut għall-garanzija tas-sigurtà, ir-rispett tal-liġi u l-ordni, u l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tal-politiki tal-UE, skont il-prinċipji u l-valuri tagħna.

Ninsabu determinati li nkomplu niżviluppaw politika komprensiva dwar il-migrazzjoni li taħdem b'mod sħiħ. Ser inkomplu napprofondixxu l-kooperazzjoni tagħna mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u biex niżguraw ritorni effettivi. Fir-rigward tad-dimensjoni interna, jenħtieġ li naqblu dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-asil. Jenħtieġ li jintlaħaq kunsens dwar ir-Regolament ta' Dublin sabiex jiġi rrifformat abbażi ta' bilanċ ta' responsabbiltà u solidarjetà, filwaqt li jitqiesu l-persuni żbarkati wara operazzjonijiet ta' Tfitxija u Salvataġġ.

Ser nieħdu l-passi meħtieġa biex niżguraw il-funzjonament tajjeb ta' Schengen.

Ser inkomplu nibnu u nsaħħu l-ġlieda tagħna kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera, intejbu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u niżviluppaw aktar l-istrumenti komuni tagħna.

Ser insaħħu r-reżiljenza tal-UE kontra d-diżastri naturali kif ukoll daww ikkawżati mill-bniedem. Is-solidarjetà attiva u l-ġabra flimkien tar-riżorsi huma kruċjali f'dan ir-rigward.

Irridu nipproteġu s-soċjetajiet tagħna minn attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, theddid ibridu u diżinformazzjoni li joriġinaw minn atturi ostili statali u daww mhux statali. Biex nindirizzaw dan it-theddid neħtieġu approċċ komprensiv b'aktar kooperazzjoni, aktar koordinazzjoni, aktar riżorsi u aktar kapaċitajiet teknoloġiċi.

### **Niżviluppaw il-bażi ekonomika tagħna: il-mudell Ewropew għall-ġejjieni**

Bażi ekonomika soda hija ta' importanza kruċjali għall-kompetittività, il-prosperità u r-rwol tal-Ewropa fix-xena globali u għall-ħolqien tal-impjiegi. Hekk kif l-isfidi teknoloġiċi, tas-sigurtà u s-sostenibbiltà qed jibdlu x-xenarju globali, jenħtieġ li nġeddu l-bażi għal tkabbir sostenibbli u inklużiv fit-tul u nsaħħu l-koeżjoni fl-UE. Dan jirrikjedi li tinkiseb il-konverġenza 'l fuq tal-ekonomiji tagħna u li jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi.



Jeħtieġ niżguraw li l-euro taħdem għaċ-ċittadini tagħna u tibqa' reżiljenti, waqt li napprofondixxu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Unjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha, inlestu l-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u nsaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro.

Sabiex insaħħu kemm jista' jkun l-impatt tagħna, neħtieġu approċċ aktar integrat li jgħaqqad il-politiki u d-dimensjonijiet kollha rilevanti: napprofondixxu u nsaħħu s-Suq Uniku u l-erba' libertajiet tiegħu, infasslu politika industrijali xierqa għall-futur, nindirizzaw ir-rivoluzzjoni diġitali u niżguraw tassazzjoni ġusta u effettiva.

Is-Suq Uniku fid-dimensjonijiet kollha tiegħu huwa wieħed mill-assi ewlenin f'dak ir-rigward. L-UE ma tistax ma tagħmilx l-aħjar użu mill-potenzjal ta' suq ta' nofs biljun persuna, partikolarment fil-qasam tas-servizzi. Id-diffikultajiet fuq medda qasira ta' żmien ma jistgħux jintużaw bħala argument kontra strateġija fit-tul kuraġġuża, olistika, u proattiva. Din trid taħdem flimkien ma' politika industrijali aktar assertiva, komprensiva u koordinata. L-UE għandha bżonnhom it-tnejn, u teħtieġhom b'urġenza.

Fis-snin li ġejjin, il-trasformazzjoni diġitali ser tibqa' taċċellera u jkollha effetti fuq firxa wiesgħa ta' oqsma. Neħtieġu niżguraw li l-Ewropa tkun diġitalment sovrana u tikseb il-parti ġusta tagħha tal-benefiċċji minn dan l-iżvilupp. Il-politika tagħna trid tissawwar b'mod li tinkorpora l-valuri tas-soċjetà tagħna, tippromwovi l-inklużività, u tibqa' kompatibbli mal-istil tal-ħajja tagħna. Għal dan il-għan, l-UE jeħtieġ li taħdem fuq l-aspetti kollha tar-rivoluzzjoni diġitali u l-intelliġenza artifiċjali: l-infrastruttura, il-konnettività, is-servizzi, id-data, ir-regolamentazzjoni u l-investment. Flimkien ma' dan għandu jkun hemm l-iżvilupp tal-ekonomija tas-servizzi u l-integrazzjoni tas-servizzi diġitali.

Fl-istess ħin, irridu nżidu l-investment fil-ħiliet u l-edukazzjoni tan-nies, naħdmu aktar biex titrawwem l-intraprenditorija u l-innovazzjoni u nżidu l-isforzi fir-riċerka, b'mod partikolari billi tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni Ewropej. L-investment fil-futur tagħna jfisser ukoll l-inkoraġġiment u l-appoġġ lill-investment pubbliku u privat, inkluż fl-infrastruttura, sabiex niffinanzjaw it-tkabbir tal-ekonomija u tan-negozji tagħna, inkluż l-SMEs.

F'dinja fejn kull ma jmur qed jitqajmu dubji fuq ir-regoli u l-istandards komuni, il-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ser tkun kruċjali, inkluż fil-qasam tal-kummerċ. Dan ifisser l-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta fl-UE u fix-xena globali, il-promozzjoni tal-aċċess għas-suq, il-ġlieda kontra prattiki inġusti, miżuri extraterritorjali u riskji għas-sigurtà minn pajjiżi terzi, u l-assigurazzjoni tal-ktajjen ta' provvista strateġiċi tagħna. Ser inkomplu naġġornaw il-qafas ta' kompetizzjoni Ewropew tagħna skont żviluppi ġodda teknoloġiċi u tas-suq globali.

## **Il-bini ta' Ewropa b'effett newtrali fuq il-klima, ekoloġika, ġusta u soċjali**

L-Ewropa teħtieġ l-inklużività u s-sostenibbiltà, waqt li tilqa' l-bidliet miġjuba mit-transizzjoni ekoloġika, l-evoluzzjoni teknoloġika u l-globalizzazzjoni filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jibqa' lura.

Hekk kif l-effetti tat-tibdil fil-klima qed jidhru u jinfirxu aktar, għandna bżonn urġenti li nżidu l-azzjoni tagħna biex nikkontrollaw din it-theddida eżistenzjali. L-UE tista' u trid turi t-triq, billi tiegħu impenn favur trasformazzjoni profonda tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħha stess sabiex tikseb in-newtralità klimatika. Din għandha titwettaq b'tali mod li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u tkun ġusta soċjalment.

It-transizzjoni favur il-klima ser tagħtina opportunità reali biex nimmodernizzaw u fl-istess ħin insiru mexxejja globali f'ekonomija ekoloġika. Il-politiki tagħna jenħtieġ ikunu konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi. L-UE ma tistax tkun l-unika waħda li taġixxi: il-pajjiżi kollha għandhom jimxu 'l quddiem u jżidu l-azzjoni tagħhom favur il-klima.

Is-suċċess tat-transizzjoni ekoloġika ser jiddependi fuq il-mobilizzazzjoni sinifikanti ta' investimenti privati u pubbliċi, fuq ekonomija ċirkolari effettiva, suq tal-enerġija Ewropew integrat, interkonness u li jiffunzjona sew li jipprovdi enerġija sostenibbli, sikura u bi prezz li jintlaħaq, b'rispett sħiħ tad-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu fuq it-taħlita tal-enerġija tagħhom. L-UE ser taċċellera t-transizzjoni għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, iżżid l-effiċjenza enerġetika, tnaqqas id-dipendenza fuq sorsi barranin, tiddiversifika l-provvisti tagħha, u tinvesti f'soluzzjoni għall-mobbiltà tal-futur.

Fl-istess waqt, hemm bżonn li nkomplu ntejbu l-ambjent fl-ibliet u fil-kampanja tagħna, intejbu l-kwalità tal-arja u tal-ilmijiet tagħna, u nippromwovu agrikoltura sostenibbli, li hija kruċjali għall-garanzija tas-sikurezza alimentari u t-trawwim ta' produzzjoni ta' kwalità. Ser immexxu l-isforzi fil-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità u biex nippreservaw is-sistemi ambjentali, inkluż l-oċeani.

Il-bidla lejn ġejjieni aktar ekoloġiku, aktar ġust u aktar inklużiv tfisser li fuq perijodu qasir ser inħallu prezz għaliha u tkun ta' sfida. Għalhekk huwa daqstant importanti li nimxu mal-bidla u nġinu lill-komunitajiet u lill-individwi jaġġustaw għad-dinja l-ġdida.

Dan jeħtieġ attenzjoni speċjali għal kwistjonijiet soċjali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jiġi implimentat fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, bl-attenzjoni mistħoqqa għall-kompetenzi rispettivi tagħhom. L-inugwaljanzi, li jaffettwaw liż-żgħażaġh b'mod partikolari, huma ta' riskju kbir politiku, soċjali u ekonomiku kbir; qed jiżviluppaw firdiet ġenerazzjonali, territorjali u edukattivi u qed jitfaċċaw forom ġodda ta' esklużjoni. Huwa d-dmir tagħna li nipprovdu opportunitajiet lil kulħadd. Jeħtieġ li nagħmlu aktar biex niżguraw l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll drittijiet u opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Dan huwa imperattiv tas-soċjetà kif ukoll ass ekonomiku.

Protezzjoni soċjali adegwata, swieq tax-xogħol inklużivi u l-promozzjoni tal-koeżjoni ser jgħinu lill-Ewropa tippreserva l-istil tal-ħajja tagħha, bħalma ser jagħmlu livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u standards alimentari, u aċċess tajjeb għall-kura tas-saħħa.

Ser ninvestu fil-kultura u l-wirt kulturali tagħna, li huma fil-qalba tal-identità Ewropea tagħna.

### **Nippromwovu l-interessi u l-valuri Ewropej fid-dinja**

F'dinja fejn l-inċertezza, il-kumplessità u l-bidla qegħdin dejjem jiżdiedu, l-UE teħtieġ issegwi rotta strateġika ta' azzjoni u żżid il-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod awtonomu biex tħares l-interessi tagħha, issostni l-valuri u l-istil tal-ħajja tagħha, u tgħin biex jissawwar il-ġejjieni globali.

L-UE ser tibqa' forza li tixpruna l-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali globali bbażat fuq ir-regoli, filwaqt li tiżgura t-trasparenza u l-ġustizzja u r-riformi meħtieġa. L-UE ser tappoġġa lin-NU u organizzazzjonijiet multilaterali ewlenin.

L-UE ser tuża l-influenza tagħha biex tmexxi r-rispons għall-isfidi globali, billi turi t-triq 'il quddiem fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u timplimenta l-Aġenda 2030, u tikkoopera mal-pajjiżi sħab dwar il-migrazzjoni.

L-UE ser tippromwovi l-mudell uniku tagħha ta' kooperazzjoni bħala ispirazzjoni għall-oħrajn. Ser issostni l-perspettiva Ewropea għal Stati Ewropej li jistgħu u li jixtiequ jissieħbu. Ser twettaq politika tal-viċinat ambizzjuża. Ser tiżviluppa sħubija komprensiva mal-Afrika. Flimkien mas-sħab globali bl-istess valuri tagħna, l-UE ser tkompli taħdem għall-paċi u l-istabbiltà globali, u biex tippromwovi d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

Iżda biex tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha aħjar, u biex tgħin biex jissawwar l-ambjent globali l-ġdid, l-UE jeħtieġ li tkun aktar assertiva u effettiva. Dan jitlob li nkunu aktar magħquda fil-pożizzjonijiet li nieħdu, u aktar determinati u effettivi fl-eżerċizzju tal-influenza tagħna. Ifisser ukoll li nagħmlu aktar riżorsi disponibbli u nużaw aħjar daww li diġà għandna għad-dispożizzjoni tagħna. U jfisser li nagħtu prijorità aktar ċara lill-interessi ekonomiċi, politiċi u ta' sigurtà Ewropej, bil-politiki kollha jkunu mmirati lejn dak l-għan.

Politika kummerċjali ambizzjuża u robusta li tiżgura kompetizzjoni ġusta, reċiproċità u benefiċċji reċiproċi hija element ċentrali f'dak ir-rigward, kemm fil-livell multilaterali f'WTO riformata kif ukoll fir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u s-sħab tagħha.

Il-PESK u PSDK tal-UE għandhom isiru aktar reattivi u attivi u jkunu marbuta aħjar ma' ferġat oħra tar-relazzjonijiet esterni. L-UE teħtieġ ukoll li terfa' responsabbiltà akbar għas-sigurtà u d-difiża tagħha, b'mod partikolari billi ssaħħa l-investment fid-difiża, il-kapaċità ta' żvilupp u d-disponibbiltà operattiva; ser tikkoopera mill-qrib man-NATO, b'rispett sħiħ lejn il-prinċipji stabbiliti fit-Trattati u mill-Kunsill Ewropew, inkluż il-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Ir-relazzjonijiet mas-sħab strateġiċi, inkluż is-sħab transatlantiċi tagħna, u l-potenzi emerġenti iridu jkunu komponent ewlieni ta' politika barranija robusta. Għal dak l-għan, jeħtieġ li jkun hemm ħafna aktar sinerġiji bejn l-UE u l-livelli bilaterali. L-UE tista' tkun involuta ma' potenzi globali oħra fuq l-istess livell biss jekk tevita approċċ frammentat u tippreżenta front wieħed, sostnut mir-riżorsi tal-UE u tal-Istati Membri.

## **Inwettqu l-prijoritajiet tagħna**

L-UE trid tindirizza l-isfidi interni u esterni b'mod integrat. Biex l-azzjoni esterna tkun effettiva, neħtieġu bażi ekonomika interna b'saħħha.

L-Istituzzjonijiet tagħna jridu jiffukaw fuq dak li huwa verament importanti. F'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, l-UE għandha taġixxi skont l-importanza tal-każ. Għandha tħalli spazju lill-atturi ekonomiċi u soċjali fejn ikunu ħielsa jgħixu, ikunu kreattivi u innovattivi. Ser ikun importanti li nikkollaboraw maċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali kif ukoll ma' atturi reġjonali u lokali.

L-Istituzzjonijiet tagħna ser jaħdmu f'konformità mal-ispirtu u l-kelma tat-Trattati. Dawn ser jirrispettaw il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, it-trasparenza u l-ugwaljanza bejn iċ-ċittadini u bejn l-Istati Membri. Il-governanza tajba tiddependi wkoll fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar rigorużi tal-politiki u r-regoli maqbula, li jridu jiġu ssorveljati mill-qrib.

Kull istituzzjoni għandha teżamina mill-ġdid il-metodi ta' ħidma tagħha u tirrifletti fuq l-aħjar mod kif tissodisfa r-rwol tagħha skont it-Trattati.

L-UE trid tagħti lilha nnifisha l-mezzi biex tissodisfa l-ambizzjonijiet tagħha, tikseb l-oġettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha.

L-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri jridu jaħdmu id f'id u jużaw ir-riżorsi konsiderevoli tagħhom fi sforz konġunt. Għandu jsir l-aqwa użu mit-talenti tal-atturi reġjonali u lokali għall-benefiċċju tal-isforz olistiku.

Din l-Aġenda Strateġika hija l-ewwel pass fi proċess li ser jidwettaq mill-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew ser isegwi l-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet mill-qrib u ser jiddefinixxi aktar direzzjonijiet u priyoritajiet politiċi ġenerali skont kif ikun meħtieġ.